Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Abigail Lofaro LL.D. Dip. Stud. Rel.
Mag Juris (Eur Law)

Awla 9

Il-Pulizija
(Spettur Rita Criminale)
(Spettur M'Stella Cutajar)
vs
Joseph Meilaq

Illum 4 ta' April, 2002

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra 'il fuq imsemmi imputat Joseph Meilaq, iben il-mejjet Lawrence u l-mejta Antonia nee Farrugia, imwieled fit-30 ta' Marzu, 1943 u detentur ta'

karta tal-identita Nru 273243(M) li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli

(a) nhar l-1 ta' Awissu 1998 minn gewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta ghall-habta ta' 10.15a.m., ikkommetta serq ta' basket li kien jikkonsisti minn oggetti, liema valur totali jaccedi LM1000 ghad-dannu ta' Louis u Margaret Grech, liema serq huwa kwalifikat bil-persuna u bl-ammont skond l-Artikoku 268(d) tal-Kodici Kriminali;

(b) aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi xjentement f'Malta laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, serq jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentment b'kull mod li jkun indahal biex ibeighhom jew imexxihom;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb li ma ghandux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet lix-xhieda kollha prodotti, inkluz lill-imputat fuq imsemmi minn jeddu u bil-gurament;

Rat il-provi li tressqu, d-dokumenti esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Semghet lill-imputat debitament assistit volontarjament jirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu u dana waqt is-seduta tat-28 ta' Frar, 2002;

Ikkunsidrat ghall-fini ta' piena l-fatt illi l-imputat ghandu fedina penali netta, illi ikkopera mal-pulizija mill-bidu nett tal-investigazzjoni u ammetta maghhom illi kien seraq il-basket in kwistjoni, pero' kien rema l-kontenut tieghu u dana peress illi huwa ma jafx jaqra, ma kienx jaf x'fih il-basket u rema l-kontenut fiz-zibel.

Ikkunsidrat ukoll il-fatt illi l-imputat meta xehed f'dawn il-proceduri ammetta dak illi kien ghamel. Huwa qal illi kien jiddispjacih ta' dak illi kien ghamel u ta' dak illi kien gara.

Il-Qorti ikkunsidrat il-fatt illi, u dan irrizulta mix-xhieda ta' Dr Anthony Galea Debono u Dr David Attard Montalto, l-imputat kien qieghed isofri minn problemi medici, inkluz depressjoni fil-perjodu illi gie kommess ir-reat in kwistjoni.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti ma tqisx illi piena karcerarja tkun idonea ghall-akkadut u tara li jkun ferm aktar ta'

beneficcju ghall-imputat, kif ukoll ghas-socjeta illi l-imputat jinghata opportunita ohra sabiex jaqbad it-triq it-tajba u jirriforma ruhu.

Il-Qorti tiddikjara illi t-tieni imputazzjoni ma gietx ippruvata fil-konfront tal-imputat peress illi una volta jirrizulta ir-reat tas-serq, ma jistax jissussisti wkoll ir-reat ta’ ricettazzjoni.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, u wara li l-Qorti rat l-Artikoli 261 (c), 261(d), 267, 268, 279, 280 u 281 tal-Kap. 9, kif ukoll l-Artikolu 9 tal-Kap. 152, il-Qorti, filwaqt li tiddikjara lill-imputat **hati** tal-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin mil-lum.

Il-Qorti **tillibera** lill-imputat mit-tieni imputazzjoni illi ma gietx ippruvata.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati bir-responsabbilta tieghu skond il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta’ liberazzjoni taht kundizzjoni.

(ft) Rita Saliba
Deputat Registratur